

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B** **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/732**

tas-17 ta' Mejju 2018

dwar metodoloġija komuni għat-tqabbil tal-prezzijiet ta' unitajiet ta' karburanti alternattivi bi qbil mad-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 123, 18.5.2018, p. 85)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/858 tat-18 ta' Ġunju 2020	L 195	57	19.6.2020

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/732

tas-17 ta' Mejju 2018

dwar metodoloġija komuni għat-tqabbil tal-prezzijiet ta' unitajiet ta' karburanti alternattivi bi qbil mad-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Artikolu 1

Il-metodoloġija komuni għat-tqabbil tal-prezzijiet ta' unitajiet ta' karburanti alternattivi fit-tifsira tal-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 2014/94/UE, abbażi ta' prezzijiet li jingħataw bħala ammonti tal-valuta li tkun tapplika għal kull 100 km, hija stabbilita fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara d-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

▼M1

Għandu japplika mis-7 ta' Diċembru 2020.

▼B

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.



ANNEX

1. Il-metodoloġġja komuni stabbilita f'dan l-Anness tikkonċerna l-karburanti alternattivi kif iddefiniti fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/94/UE.
2. Biex jintwerew il-prezzijiet fl-istazzjonijiet tal-karburanti, kif imsemmi fl-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 2014/94/UE, il-metodoloġġja tipprevedi l-kalkolu bażiku li jippermetti tqabbil indikattiv tal-prezzijiet ibbażat fuq kampjuni ta' mudelli tal-karrozzi tal-passiġġieri stabbiliti mill-Istati Membri u li jistgħu jitqabblu mill-inqas mil-lat tal-piż u tal-qawwa tal-magna tagħhom, iżda li jużaw karburanti differenti.
3. Il-metodoloġġja tiddefinixxi kif, biex isir dan it-tqabbil, il-prezzijiet tal-petrol u tad-diżil u ta' karburanti alternattivi jingħataw fil-forma ta' ammonti tal-valuta li tapplika, għal kull 100 km. Il-kalkolu huwa bbażat fuq il-fatturi li ġejjin:
 - (a) il-konsum tal-karburant għal kull 100 km mill-vettura rispettiva, indikat fiċ-ċertifikat tal-konformità tal-vetturi msemmi fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾;
 - (b) fejn japplikaw, il-valuri tal-konsum tal-karburanti għal kull 100 km ddeterminati mill-Istati Membri għat-taħlitiet tal-bijokarburanti mal-petrol jew mad-diżil ⁽²⁾;
 - (c) il-prezzijiet fis-suq għal kull unità tal-karburanti rispettivi, mogħtija fil-valuta li tkun tapplika, għall-unitajiet imsemmijin fl-Istat Membru kkonċernat, bi qbil mad-Direttiva 98/6/KE (minn hawn 'il quddiem: unitajiet konvenzjonali).
4. Il-prezz mogħti bħala ammont tal-valuta li tkun tapplika għal kull 100 km jiġi kkalkulat kif ġej:

Il-prezz tal-karburant għal kull unità konvenzjonali mmultiplikata bil-konsum tal-karburant għal kull 100 km.
5. Il-prezz tal-karburanti f'unitajiet konvenzjonali li jitqies huwa l-prezz medju għall-massimu tul l-aħħar tliet xhur tal-kalendarju qabel ma jsir il-kalkolu.

⁽¹⁾ Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1).

⁽²⁾ Id-Direttiva 2009/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li temenda d-Direttiva 98/70/KE rigward l-ispeċifikazzjoni tal-petrol, tad-diżil u taż-żejt tal-gass u li tintroduċi mekkaniżmu għall-monitoraġġ u għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE rigward l-ispeċifikazzjoni tal-karburant użat mill-bastimenti tal-passaġġi tal-ilma interni u li tassar id-Direttiva 93/12/KEE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 88).